**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 2045/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**Ljubica Nedimovic**

**Illum 18 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Ljubica Nedimovic**, ta' ħamsin (50) sena, bint Nedeljko u Milesa neè Ristanovic, imwielda Belgrade fl-24 ta' April 1972 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 23778(A), talli matul il-perijodu ta' bejn is-7 ta' Mejju 2022 u l-4 ta' April 2023, b'diversi atti magħmulin ukoll jew fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. Talli bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ta' nhar is-7 ta' Mejju 2022, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Gallarija Darmanin, li jinsab fi Triq Dun Karm, Iklin, ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ, li sar a dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Darmanin Group u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ta' nhar l-10 ta' Awwissu 2022, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Ultimate li jinsab fi Triq Salvu Busuttil, San Ġwann, ikkommettiet serq ta' apparat elettroniku, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Cutajar Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ta' nhar l-24 ta' Frar 2023, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Bortex Plaza li jinsab fi Triq Bisazza, Sliema, ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Bortex Fine Tailoring u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-sagħtejn ta' waranofsinhar (14:00hrs) ta' nhar l-4 ta' April 2023, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Pharmaplus li jinsab fi Triq Ganu, Birkirkara, ikkommettiet serq ta' kosmetiċi, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Pharma Plus u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' wara nofsinhar (18:00hrs) ta' nhar l-4 ta' April 2023, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Bortex, li jinsab fi Triq l-Intornjatur (Żona Industrijali, l-Imrieħel), Birkirkara, ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Bortex Fine Tailoring u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

6. U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommettiet reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplata piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, impost fuqha b'sentenza datata 21 ta' Lulju 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lil Ljubica Nedimovic tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I" a fol. 10 sa' 36 tal-proċess;

Rat li l-imptata wieġbet li hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha kkonfermata wara li l-Qorti spjegatilha bl-iktar mod solenni l-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tagħha u tatha biżżejjed żmien biex terġa tirrikonsidra t-tweġiba tagħha u tmur lura minnha;

Rat li insegwitu għal talba da parte tad-Difiża, il-Qorti ordnat li jitħejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputata;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Gabriella James mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023[1] u rat il-*pre-sentencing report* imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputata, markat Dok. "GJ" a fol. 55 sa' 85 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli matul il-perijodu ta' bejn is-7 ta' Mejju 2022 u l-4 ta' April 2023, b'diversi atti magħmulin ukoll jew fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda: (1) talli bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ta' nhar is-7 ta' Mejju 2022, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Gallarija Darmanin, li jinsab fi Triq Dun Karm, Iklin, ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ, li sar a dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Darmanin

[1] Fol. 51 sa' 54 tal-proċess.

Group u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (2) u aktar talli bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ta' nhar l-10 ta' Awwissu 2022, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Ultimate li jinsab fi Triq Salvu Busuttil, San Ġwann, ikkommettiet serq ta' apparat elettroniku, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Cutajar Ltd. u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (3) u aktar talli bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u s-sebgħa ta' waranofsinhar (19:00hrs) ta' nhar l-24 ta' Frar 2023, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Bortex Plaza li jinsab fi Triq Bisazza, Sliema, ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Bortex Fine Tailoring u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (4) u aktar talli bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-sagħtejn ta' waranofsinhar (14:00hrs) ta' nhar l-4 ta' April 2023, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Pharmaplus li jinsab fi Triq Ganu, Birkirkara, ikkommettiet serq ta' kosmetiċi, li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Pharma Plus u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (5) u aktar talli bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' wara nofsinhar (18:00hrs) ta' nhar l-4 ta' April 2023, ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Bortex, li jinsab fi Triq l-Intornjatur (Żona Industrijali, l-Imrieħel), Birkirkara, ikkommettiet serq ta' ħwejjeġ li sar għad-dannu tad-diriġenti tas-soċjetà Bortex Fine Tailoring u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra; (6) u finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommettiet reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplata piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, impost fuqha b'sentenza datata 21 ta' Lulju 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

L-imputata wieġbet li hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha. In vista ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontriha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputata u minnha ammessi, il-fatt li l-imputata wettqet tali reati ftit xhur biss wara li tqiegħdet taħt Ordni ta' Probation għal reati simili għal dawk odjerni, kif ukoll dak osservat u konkluż mill-Uffiċjal tal-Probation Gabriella James fil-*pre-sentencing report* minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputata.

In effetti fil-*pre-sentencing report* tagħha, l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation ikkonstatat u rrakomandat is-segwenti: ***Pjan ta' Kura -*** *Ljubica Nedimovic għandha problema akuta tad-droga (primarjament l-eroina u kokaina), waħda li ilha għaddejja għal madwar dawn l-aħħar 25 sena. Hekk kif wieħed jista' jara, kien hemm bosta drabi matul dawn l-aħħar snin li l-imsemmija attentat li tindirizza din il-problema biss ma jidhirx li hi kienet qiegħda tieħu din bis-serjetà. Sussegwentement, din il-problema wasslet lill-imsemmija sabiex tikseb stil ta' ħajja kriminali tant li kompliet taggrava s-sitwazzjoni tagħha speċjalment f'dawn l-aħħar sentejn. Barra minn hekk, f'dan l-istadju l-preokkupazzjoni ta' l-Uffiċjal sottoskritta hija illi sakemm l-imsemmija qiegħda fil-komunità, hi qed issib diffikultà sabiex taħdem fuq dawn il-problemi u għaldaqstant hija qed tkun ta' riskju għaliha nnifisha. Għaldaqstant, f'dan l-istadju jinħass il-bżonn li l-imputata tagħraf li din l-istil ta' ħajja ser tkompli tpoġġiha fl-inkwiet mal-ġustizzja ta' Malta, filwaqt illi trid tagħraf ukoll illi bl-andament tagħha hi qed tweġġa' lill-familjari tagħha, b'mod speċjali lit-tfal tagħha li ma jixtiequx jaraw lil ommhom tinqered. Għaldaqstant, huwa ta' importanza kbira li Ljubica tagħraf li għandha tindirizza din il-problema permezz ta' programm residenzjali sabiex hi jkollha ċ-ċans tiffoka sew fuq l-aspetti kollha li qed iwassluha għall-użu ta' dawn is-*

*sustanzi.* ***Rakkomandazzjoni -*** *Għaldaqstant, fid-dawl ta' l-informazzjoni miġbura, qiegħed jiġi umilment issuġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li Ljubica Nedimovic tingħata piena karċerarja. Dan sabiex filwaqt li tkun qed tinżamm f'post strutturat hi tkun tista' tingħata l-għajnuna kollha neċessarja bil-għan li meta hija tirritorna lura fil-komunità hi jkollha l-ħiliet li tgħix ħajja stabbli u tkun tista' tkompli tgħix ħajjar 'l bogħod mid-droga.*

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ljubica Nedimovic" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Lulju 2022, u li in forza tagħha l-imputata tqiegħdet taħt l-Ordni ta' Probation formanti l-mertu tas-sitt imputazzjoni hawn dedotta kontriha, kienet tittratta dwar is-segwenti imputazzjonijiet: *with having on the 15th July 2022 at around 12:00hrs from "Adventure Shop" situated in Triq Dun Karm, Birkirkara, in the Maltese Islands: (1) committed the theft of several items aggravated by amount for the value which does not exceed two thousand and three hundred and twenty-nine Euro and thirty-seven cents (€2,329.37) to the detriment of Salvino Abela for Adventure Shop and/or other; (2) Also 27th April 2022 between 15:30hrs and 16:00hrs, from "The Master Cellar" situated in Triq l-Oratorju, Naxxar, committed the theft of Wine and Spirits which theft does not exceed the two hundred and thrity two Euro and ninety-four cents (€232.94) to the detriment of Luis Camilleri of Cassar Camilleri Ltd. and/or other.* F'dawk il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' l-ispejjeż konnessi ma' Esperti, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat:

- L-Artikoli 18, 31, 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-perijodu ta' **sitt (6) xhur priġunerija effettiva**;

  Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U wkoll wara li rat u kkunsidrat:

- L-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, ossia li wettqet reat ta' natura volontarja tul il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation impost fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Lulju 2022, u b'hekk qed tittratta magħha dwar ir-reati mertu tas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ljubica Nedimovic" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Lulju 2022, daqs li kieku għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati, u filwaqt li tikkonferma l-ħtija tagħha għal dawk ir-reati, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 267, 279(a), 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata għall-perijodu ta' **sitt (6) xhur priġunerija effettiva**.

  Il-Qorti tastejni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kif avvanzata fil-proċeduri imsemmija.

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-*pre-sentencing report* ta' l-Uffiċjal tal-Probation Gabriella James u anke mir-rapporti tal-Pulizija dwar ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tordna lill-imputata tħallas is-somma ta' **€200** lis-soċjetà Cutajar Limited rappreżentanti l-valur ta' l-oġġetti minnha misruqa mill-istabbiliment Ultimate fi Triq Salvu Busuttil, San Ġwann; is-somma ta' **€150** lil Darmanin Group rappreżentanti l-valur ta' l-oġġetti minnha misruqa mill-istabbiliment Gallarija Darmanin fi Triq Dun Karm, Iklin; u s-somma ta' **€72.50** lis-soċjetà Bortex Fine Tailoring rappreżentanti l-valur ta' l-oġġetti minnha misruqa mill-istabbiliment Bortex fi Triq L-Intornjatur (Żona Industrijali, l-Imrieħel), Birkirkara. Dawn il-pagamenti għandhom isiru fi żmien tlett (3) xhur minn meta l-imputata tiskonta l-piena karċerarja imposta fuqha b'din is-sentenza.

Peress illi mill-*pre-sentencing report* ta' l-Uffiċjal tal-Probation Gabriella James jirriżulta li l-imputata għandha problema akuta ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputata taħt Ordni ta ' Trattament għall-perijodu ta 'ħames (5) snin dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta 'Ordni ta 'Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta 'Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputata tingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li ssegwi programm ta' rijabilittazjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex tirriabilita ruħha mill-vizzju ta' l-abbuż ta 'droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li ma tikkonformax ruħha ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tagħha, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlha ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**